**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u erbgħa u tletin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Erbgħa 22 ta' Jannar 2014 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Vici Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Valentina Troisi | Ambaxxatriċi |

Is-Sur Cedric Valletta kiteb lill-Kunsill fejn talab li jiġi skużat minħabba safar filwaqt li s-Sur Gaetano Cuschieri kien rikoverat l-isptar. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk is-Sur Cedric Valletta u s-Sur Gaetano Cuschieri ġew skużati mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-minuti

3.1 Il-minuti tat-tliet mija u tlieta u tlietin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

*4.1 Live Streaming*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ivverifikat li l-offerta magħżula mill-Kunsill kienet konformi mar-rekweżiti mitluba.

Il-Kuntrattur diġa installa l-apparat u trid issir il-*connection* u spjegazzjoni dwar kif taħdem. Is-Sindku spjega li hemm il-possibilita li ssir Konferenza Stampa biex isir il-*launching* tal-*istreaming*.

*4.2 Bejgħ ta' Fjuri*

Is-Sindku spjega li kellem lill-persuna li talbet permess biex jarma tinda għall-bejgħ ta' fjuri bejn it-12 u l-14 ta' Frar u spjegalu li l-Kunsill kien qed jaħdem biex isaħħaħ il-kummerċ għall-ħwienet tal-lokal u għalhekk ma kienx jagħmel sens li japprova li ssir it-tinda.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn il-21 ta' Diċembru 2013 u t-22 ta' Jannar 2014.

*5.1 Memo 34/2013 – Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl tat-Toroq*

Il-Kunsilli Lokali ntalbu mid-Dipartiment li joħorġu offerta għall-Manutenzjoni tad-Dawl tat-Toroq. Dan jista jsir individwalment, ma' grupp Kunsilli oħra jew mar-Reġjun. Is-Sindku spjega li din it-talba kienet ser tiġi diskussa waqt il-laqgħa tar-Reġjun.

*5.2 Transport Malta*

Transport Malta approvat li l-*Pedestrian Crossings* fi Triq il-Kbira San Ġużepp u Misraħ is-7 ta' Ġunju jiġu pavimentati bil-madum. Is-Sur M Caruana ssuġġerixxa li jiġi kunsidrat li jsiru darba għal dejjem bil-granit. Ġie deċiż li jingħata *sample* lill-Perit tal-Kunsill biex iressaqha għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

*5.3 Sur Christian Saliba – Għeluq ta' triq*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Saliba fejn talab sabiex kull nhar ta' Tlieta bejn id-9.00a.m u l-10.00a,m jingħata permess jagħlaq Triq Fra Gaetano Pace Forno biex iħott it-dqiq mill-bowser għall-forn. Ġie deċiż li s-Sur Saliba jiġi nfurmat li minħabba li dan ser isir kull ġimgħa jeħtieġ li japplika kull darba għall-permess u Gwardjan Lokali.

*5.4 Sur Charles Giacomotto – Un/Loading Bay*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Giacomotto fejn talab sabiex ikollu *Un/Loading Bay* quddiem il-ħanut R. Azzopardi Ironmongery fi 60, Triq il-Kbira San Ġużepp. Ġie deċiż li t-talba tiġi riferuta lill-*Transport Malta*.

*5.5 MCP Company Ltd – Reviżjoni tar-rati*

Il-Kumpanija MCP spjegat li l-Carpark għamel telf kumulattiv ta' €55,000.00 sa Diċembru 2013. Ġie spjegat li fl-2014 ser isir investiment ta' €6,000.00 fi *CCTV Cameras* filwaqt li ser titnaqqas l-ispiża fil-pagi.

Huma talbu li minn Marzu 2014 il-ħlas wara l-ewwel siegħa jitla għal €1.50 (*flat rate)* filwaqt li f'Jannar 2015 jitla għal €2.00 (*flat rate*). Il-Kunsill iddeċieda li r-rata titla għal €1.50 wara l-ewwel sagħtejn u li għalissa ma jsir l-ebda ftehim għall-2015.

*5.6 Ħamrun Spartans F.C Youth Nursery – Ringrazzjament*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mil-*Ħamrun Spartans F.C Youth Nursery* għax-xogħol li għamel il-Kunsill fuq il-bankina biswit l-entratura tan-*Nursery*. Il-Kunsilliera ġew mistiedna jmorru jaraw ix-xogħol li qed isir fin-*Nursery*.

Il-Viċi Sindku spjega li kien ġie nfurmat li jonqos isir xi xogħol ieħor żgħir. Is-Sindku ser ikellem lil-Kuntrattur biex jara x'fadal isir.

*5.7 Sinjorina Ruth Spiteri – Sigurta*

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinjorina Spiteri fejn ilmentat fuq bozza maqtugħa u nuqqas ta' sigurta fit-toroq, partikolarment għaliex hemm persuna barranija tiffastidja n-nies tal-akwati. Is-Sindku spjega li l-bozza maqtugħa ilha biss ftit ġranet. Sadanittant, ġie deċiż li kopja tal-korrispondenza tintbgħat lill-pulizija għall-azzjoni minn naħa tagħhom.

*5.8 Sur Anthony Saliba – Parkeġġ riservat quddiem forn*

Is-Sur Saliba talab li jkollu parkeġġ riservat quddiem il-forn tiegħu li jinsab 2, Triq Ċensu Buġeja, Ħamrun. Ġie deċiż li t-talba tiegħu tiġi riferuta lill-*Transport Malta.*

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku spjega li saret l-ewwel laqgħa tas-Sotto Kumitat "Ħamrun Aħjar". (Kopja tal-minuti tal-laqgħa meħmuża ma' dawn il-minuti)

- Is-Sindku spjega li twaħħlu ż-żewġ bankijiet ġodda fi Pjazza San Pawl u li ser jinbeda x-xogħol ta' manutenzjoni u tisbieħ. Ġie deċiż li tiġi studjata l-possibilta li tinbidel is-sistema tad-dawl fil-Pjazza.

- Ser issir spezzjoni flimkien mal-Perit tal-Kunsill biex jiġu identifikati t-toroq li jeħtieġu *resurfacing* u l-bankini li jeħtieġu jiġu mibinija mill-ġdid.

- Il-Kunsill ser jevalwa l-kummenti li jirċievi dwar it-*Traffic Management* ġdid li sar fi Pjazza Kappillan Muscat u t-toroq tal-madwar qabel tittieħed deċiżjoni finali f'dan ir-rigward.

*6.2 Sotto Kumitat 2*

- Il-Kunsill approva li jinxtraw 40 qasrija biex jissebbaħ l-ambjent madwar l-iskola Primarja San Ġorġ Preca. Dawn ser jiswew €120.00

- Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill ikellem lill-awtoritajiet kompetenti sabiex il-Lega terġa tibda tinfetaħ.

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li reġa twaqqaf il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li ser jibdew ir-*rehearsals* fis-sala tal-Kunsill għall-Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira li ser issir fuq iz-zuntier tal-Knisja.

*6.3 Sotto Kunitat 4*

- Is-Sur M Caruana nforma lill-Kunsill li d-Diviżjoni tas-Saħħa kien qed joffri s-servizzi ta' kelliema għal-laqgħat li jsiru waqt il-ħin tax-xogħol.

- Is-Sur M Caruana nforma lill-Kunsill li s-Sur Matrenza offra li jipprovdi materjal dwar l-istorja tal-Ħamrun għall-fuljett.

*6.4 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C Borg infurmat lill-Kunsill li l-istudenti tal-kors tal-kompjuter ser jittieħdu jżuru Smart City.

- Is-Sinjura C Borg infurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat ser jorganizza *Weekend Break* fit-28 ta' Frar 2014 u li hemm il-ħsieb li ssir żjara lill-President qabel itemm il-kariga.

- Is-Sinjura C Borg ssuġġerit li jingħata *token* ta' awguri lill-Gaia Cauchi fi Jum il-Ħamrun. Hija infurmat lill-Kunsill li Gaia kantat waqt ir-riċeviment tal-Milied għat-tfal.

## 7. Vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill ġie preżentat b'rapport tal-Bord tal-Intervista maħtur mill-istess Kunsill għall-għażla ta' persuna biex tinħatar Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħamrun (Kopja mehmuża ma' dawn il-minuti.)

Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport tal-Bord tal-Intervista u li s-Sinjura Karen Maria Camilleri tinħatar Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Ħamrun.

## 8. ***Budget 2014***

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-Budget Annwali preparat għas-sena finanzjarja 2014 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-infiq tas-sena 2013 u l-infiq propost għas-sena 2014.

Il-Kunsill approva unanimament il-Budget Annwali għas-sena finanzjarja Jannar sa Diċembru 2014 li ser jiġi kkonfermat fil-Laqgħa tal-Lokalita' li ser issir nahr il-Ħamis 30 ta' Jannar 2014 fil-5.00p.m.

## 9. **Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti**

*9.1 Vettura tal-Gas*

Is-Sinjura C Borg infurmat lill-Kunsill li l-vettura tal-gas li qed tkisser il-bankina fi Triq San Ġwann, iġġibb in-numru tar-reġistrazzjioni AAP648.

*9.2 Bankina perikoluża fi Triq Villambrosa*

Is-Sur M Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-parti tal-bankina fi Triq Villambrosa li għandha l-wiċċ perikoluża.

*9.3 Ġbir ta' Skart*

Is-Sur M Caruana talab li tinġibed l-attenzjoni tal-kolletturi biex jiġbru l-iskart li jaqgħalhom waqt il-kollezzjoni.

9.4 *Dealers* tal-karozzi.

Is-Sinjura J Bugeja ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għar-rigward in-numru kbir ta' vetturi li qed jiġu parkjati fi Triq Joe Sciberras minn *Dealer* tal-karozzi.

## 10. **Schedule of Payments**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-22 ta' Jannar 2014 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet

## 11. **<u>Aġġornament</u>**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

_____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

_____________________
Philip Massa
A/Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

________________________
DATA